MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1286/2007

Joseph u Susanna Camilleri
vs
Albert Borg
u b'digriet tal-20 ta' Frar 2008 giet kjamata fir-rikors J.J. Supermarkets Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bl-isem 'Susan House', 81, fi Triq it-Tabib Nikola Zammit fis-Siggiewi.

2. Illi l-intimat huwa proprjetarju ta' u jopera il-fond ossija l-istabbiliment bl-isem 'J.J. Supermarket' ukoll fit-Triq it-Tabib Nikola Zammit fis-Siggiewi liema fond

huwa adjacenti u jmiss ma' dak surreferit proprjeta` tar-rikorrenti.

3. Illi fl-istabbiliment imsemmi l-intimat stalla u jhaddem '*goods lift'* flimkien ma' makkinarju iehor li jigi operat ukoll mal-hajt divizorju li jifred il-proprjeta` tal-intimati mill-proprjeta` tar-rikorenti senjatament il-kcina u l-kamra tas-sodda tar-rikorrenti.

4. Illi permezz tal-imsemmija '*goods lift'* u makkinarju surreferit l-intimat qieghed jikkawza inkonvenjent serju lir-rikorrenti bil-hsejjes generati mill-istess '*goods lift'* u makkinarju surreferit dan kif konfermat mir-rapport peritali anness mar-rikors.

5. Illi ulterjorment fl-istess stabbilment l-intimat stalla u jhaddem ukoll '*fridges'*, *'freezers'* u makkinarju iehor assocjat ukoll mal-hajt divizroju li jifred il-proprjeta` tal-intimat minn dik tar-rikorrenti.

6. Illi permezz tal-imsemmija '*fridges', 'freezers'* u makkinarju iehor assocjat l-imsemmija intimat qieghed ukoll jikkawza inkonvenjent serju lir-rikorrenti kemm bil-hsejjes generali mill-istess imma wkoll mill-moffa li harget fuq in-naha tal-hajt divizorju li taghti fil-fond tar-rikorrenti, dan tal-ahhar kif konfermat mir-rapport peritali anness mar-rikors.

7. Illi l-agir tal-intimat konsistenti fl-istallar u fl-operat tas-surreferiti huwa ta' pregudizzju serju u gravi ghar-rikorrenti specjalment in vista mhux biss tal-eta` imma wkoll tal-kundizjonijiet medici tal-istess rikorrenti rispettivi kif konfermati mic-certifikati medici annessi mar-rikors, dan b'tali mod li l-istess agir jikkostitiwixxi molestja u turbativa tal-mistrieh, il-kwiet u fuq kollox tas-sahha ta' l-istess rikorrenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

i. tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti kienu soggetti ghall-inkonvenjenzi fuq deskritti u li dawn jikkostitiwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh, tal-kwiet u

tas-sahha taghhom, okkorrendo bil-ghajnuna ta' perit nominandi

ii. tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju u, okkorrendo taht is-sorveljanza ta' perit nominandi, jaghmel ix-xogholijiet kif ukoll jipprovdi a spejjez tieghu ghal dawk ir-rimedji kollha opportuni sabiex jelimina dawn l-inkonvenjenzi u molestji

iii. tawtorizza, fin-nuqqas, li l-istess rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet u/jew jiehdu l-istess passi rimedjali a spejjez tal-intimati.

Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat Albert Borg li biha espona:

1. Illi preliminarjament l-intimat wahdu m'huwiex il-legittimu kuntraditur *stant*e li l-*mini-market* hu gestit mis-socjeta` J.J. Supermarkets Limited;

2. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza *stante* li ebda hsejjes, storbju u/jew moffa ma jemanaw mill-fond ta' l-intimat;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-intimat qed jezercita d-drittijiet tieghu skond il-ligi fil-proprjeta` imsemmija u ma jistax jigi mwaqqaf milli jezercita l-kummerc skond il-permessi kollha mahruga mill-awtoritajiet kompetenti *stante* li tali cahda jekk tigi akkolta tilledi d-dritt ta' proprjeta' kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

4. Illi din il-kwistjoni diga' giet ventilata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn l-istess Qorti kienet qabbdet espert tekniku biex jiddeciedi dwar jekk il-hsejjes humiex tollerabbli jew le u jekk id-'*decibel level*' jeccedix dak li hu normalment accettabbli f'socjeta` civili u gie deciz li ebda hsejjes straordinarji ma johorgu mill-istess fond li ghandhom iwaqqfu l-ezercizzju tal-kummerc;

5. Illi r-rikorrenti mhux qed isofru danni u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat ir-risposta ta' Alex Farrugia u Albert Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.J. Supermarkets Limited li biha esponew:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza *stante* li ebda hsejjes, storbju u/jew moffa ma jemanaw mill-fond *de quo* ta' l-intimat;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta` kjamata fil-kawza qed tezercita d-drittijiet taghha skond il-ligi fil-proprjeta` msemmija u ma tistax tigi mwaqqfa milli tezercita l-kummerc skond il-permessi kollha mahruga mill-awtoritajiet kompetenti *stante* li tali cahda jekk tigi akkolta tilledi d-dritt ta' proprjeta` kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

3. Illi din il-kwistjoni diga' giet ventilata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn l-istess Qorti kienet qabbdet espert tekniku biex jiddeciedi dwar jekk il-hsejjes humiex tollerabbli jew le u jekk id-'*decibel level*' jeccedix dak li hu normalment accettabbli f'socjeta` civili u gie deciz li ebda hsejjes straordinarji ma johorgu mill-istess fond li ghandhom iwaqqfu l-ezercizzju tal-kummerc;

4. Illi r-rikorrenti mhux qed isofru danni u ghalhekk is-socjeta` kjamata fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kjamata in kawza.

**C. PROVI:**

Rat li fl-10 ta’ Lulju, 2008, gie nominat il-Professur Joseph A. Agius bhala perit tekniku.

Gew prezentati affidavits ta’ Giuseppi Camilleri, Anna Tonna, Anthony Tonna, Carmel Camilleri, Maria Dolores Cutajar, Mary Attard u Salvu Camilleri.

Gew esebiti diversi certifikati medici.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Profs. Joseph A. Agius li fih ikkonkluda s-segwenti:
“28. Minn dak li jirrizulta mill-accessi mizmuma u mill-investigazzjonijiet u l-verifikazzjonijiet kondotti, l-esponent umilment qed jissottometti l-konkluzjonijiet, opinjonijiet u r-rikomandazzjonijiet sussegwenti:

i) Matul il-hin ta’ wara nofs in-nhar l-attur Joseph Camilleri kien sofra minn inkonvenjent ta’ hsejjes disturbanti, iggenerati minn ‘*extractor fan*’ illi kien twahhal waqt il-bini ta’ li ‘*store*’ il-gdid, fl-ispazju ta’ fejn qabel kien hemm il-‘*back yard*’ tal-istabbiliment ‘JJ Supermarket’ li hu gestit mill-konvenut Albert Borg. L-‘*extractor fan*’ kien twahhal temporanjament u fuq ordni tal-MEPA ghall-iskop ta’ ventilazzjoni u sabiex jipprotegi s-sahha tal-haddiema tal-kontrattur kontra l-foga tat-trab. Dan il-fan gie zarmat wara li x-xoghol mehtieg kien mitmum.

ii) Bil-‘*freezers*’, ‘*cold rooms*’, il-‘*condenser units*’ assocjati maghhom u l-‘*goods lift*’ tal-istabbiliment qed jahdmu lkoll flimkien, il-livelli tal-hsejjes illi tkejlu, gewwa l-‘*main bedroom*’ t’isfel, gol-kamra tal-ikel u fuq it-terrazzin tad-dar ta’ l-attur lahqu r-rispettivi valuri massimi ta’ 28.0 dBA, 38.0 dBA u 46.7 dBA. Dawn il-figuri jinkludu wkoll l-effett tal-hsejjes ambjentali u *cioe*` tal-‘*background noise*’, illi ma jistax jigi eliminat.

iii) Meta dawn it-tlitt valuri ta’ livelli ta’ hsejjes ottenuti mill-kejl esegwit jigu mqabbla mall-kriterju stabbilit ta’ 35dBA-40dBA jirrizulta, illi fil-kaz tal-‘*main bedroom*’ tad-dar tal-attur l-inkonvenjent ta’ distorbju u ta’ ksur tal-mistrieh huwa insinjifikanti jew zghir filwaqt fil-kaz tat-terrazzin, jista’ jigi interpretat illi jezisti nkonvenjent moderat ta’ distorbju u telf ta’ rilassament u mistrieh ghad-dannu tal-attur.

iv) Anki f’dawk il-kazi, fejn l-emmissjoni tal-hsejjes tkun ta’ qawwa moderata jew pjuttost baxxa, is-sensazzjoni jew effett tedjanti li tista’ ggarrab persuna li tkun esposta ghall-distorbju, jiddependu fuq diversi fatturi. Dawn il-fatturi jinkludu, il-prezenza, in-natura, il-qawwa u l-persistenza tal-hoss ambjentali (*background noise*), it-tip, frekwenza u l-kontinwita` tal-hoss iggenerat (bhal ezempju jekk hux ‘*hum*’, tisfir, tisbit, tismir) kif ukoll fuq il-kuntrast illi jezisti bejn il-hoss generat u l-hoss ambjentali. Fl-ahharnett, il-gravita` ta’ l-inkonvenjent illi ggarrab persuna, jiddependi wkoll mill-eta` tal-persuna u anki fuq is-sahha jew li stat mentali u fiziku li l-persuna tkun tinsab fih f’dak il-hin.

v) Il-hsejjes li qed jilhqu fuq it-terazzin tad-dar tal-attur huma l-aktar ikkawzati mill-hsejjes emergenti mill-‘*condenser unit*’ iz-zghir, illi s-‘*sound insulation*’ tieghu jonqosha li titjieb sostanzjalment.

vi) Il-livell tal-hoss ambjentali li gie mkejjel fuq it-terrazzin waqt li l-makkinarju kollu tal-istabbiliment ‘JJ Supermarket’ inzamm wieqaf lahaq valur ta’ 39 dBA. Il-hoss ambjentali, illi huwa ggenerat mit-traffiku u mill-girien

tal-inhawi, hu ta’ livell varjabbli u generalment jonqos matul il-lejl. Dan ukoll jispjega ghaliex l-attur jilmenta, li hu jigi l-aktar affettwat hazin mill-hsejjes tal-makkinarju waqt il-hinijiet ta’ bil-lejl u fil-hemda. Jigi wkoll innotat, illi l-hoss ambjentali, huwa barra l-kontroll tal-konvenut.

vii) Rigward il-hsejjes kawzati mill-‘*emergency generator*’, li issa jinsab sitwat fl-‘i*store*’ ta’ ‘JJ Supermarket’, jirrizulta illi dan l-impjant huwa tat-tip ‘*low noise*’, peress illi l-makkinarju tieghu jinsab kontenut go ‘*sound proof enclosure*’. L-esponent, ma jqiesx dan il-‘*generator*’ bhala sors ta’ distorbju u nkonvenjent, ghaliex dan jithaddem biss matul ftit tal-hin u *cioe*` matul perjodu ta’ emergenza u ghal xi nofs siegha darba f’gimgha, ghall skop ta’ manutenzjoni u ‘*testing*’.

viii) Fid-dawl tar-rizultati miksuba u c-cirkustanzi ezistenti, l-esponent Perit Tekniku u z-zewg partijiet flimkien ma’ l-avukati difensuri taghhom, qablu lkoll sabiex:-

a) It-tlitt ‘*outdoor condenser units*’ in kwistjoni, jigu kontenuti gewwa *sound proof enclosures* ta’ tip u ghamla kif suggerit mill-esponent. Izda l-aktar importanti huwa bla dubju t-titjib fis-*sound proofing* tal-‘*condenser unit*’ iz-zghir.

b) Fl-inqas zmien vijabbli, il-‘*goods lift*’ jigi trasferit ghax-xaft il-gdid li fil-fatt diga jinsab kostruwit.

c) Billi ma kienx hemm aktar xhieda sabiex tinghata u aktar provi jingiebu l-esponent Perit Tekniku ghandu jghaddi ghar-relazzjoni.

ix) Fl-ahhar nett l-esponent isostni u wkoll jirrakomanda, illi anki wara li l-inkonvenjent ta’ hsejjes jigi eliminat jew irrendut ghall-livelli baxxi u accettabbli, l-aqwa soluzzjoni sabiex dan il-kaz ma jergax jirrepeti ruhu fil-futur, hija dik, li l-konvenut jimplimenta programm ta’ manutenzjoni perijodika u preventiva fuq il-makkinarju tieghu.”

Illi fil-11 ta' Novembru, 2009 ir-rikorrentiipprezenta certifikat tal-Med Design Associates fuq *black patches on party wall*.

Xehed il-Professur Joseph Agius li qal li xi zmien qabel kien gie appuntat mill-Qorti tal-Magistrati biex jaghmel xi rapporti dwar hsejjes emanenti mill-istabbiliment JJ Supermarket, hsejjes ta' makkinarju. Ir-rapport li hemm minn fol 34 sa 82 qal li kien hemm iktar minn wiehed.

In kontro-ezami ikkonferma li kien semma dwar l-importanza tal-manutenzjoni regolari ghax din marbuta mal-hoss tal-makkinarju. *Silencer* imur u numru ta' affarijiet dwar il-hoss huma kundizzjonati mill-istess kundizzjoni li fiha jkun jinsab il-makkinarju.

Meta xehed fit-22 ta' Frar, 2011 semma li l-hoss fuq l-imhadda tas-sodda tela' ghal *twenty seven point forty* (27.40) B.A. u *twenty nine point forty* (29.40) B.A. jigifieri taht il-livell tat-35 *decibels* li huwa l-limitu li jekk taqbzu jibda jiddisturba waqt l-irqad. Zied li l-*air conditioners* gew maghluqin kif suppost. Irrefera ghall-fatt li kien hemm bzonn li jigi spustat il-*lift* u ghall-ewwel kien propju l-attur li kien qieghed joggezzjona mal-MEPA izda in segwitu ma baqax joggezzjona. Semma li l-konvenut kien ghamel ir-rakkomandazzjonjiet li kien ghamel hu.

Fit-22 ta' Frar, 2011 wara li xehed il-Professur Agius, il-konvenut iddikjara li jaqbel mal-ispustar tal-*lift* kif indikat mill-Professur Agius fix-*shaft* gja mibni u dispost jaghmel dan meta johrog il-permess tal-MEPA. In segwitu bdew ix-xogholijiet ghall-ispustar u fl-24 ta' Ottubru, 2011 il-partijiet infurmaw lill-Qorti li x-xogholijiet saru.

Gew prezentati affidavits ta' Albert Borg, Alex Farrugia, Perit Robert Musumeci, Carmelo Aquilina, Alex Farrugia, Anthony Borg u Patricia Farrugia.

Irrizulta li sar *upgrading* fuq il-*condenser units*.

Fit-12 ta’ Dicembru, 2011 nhareg rapport mill-Perit Charles Buhagiar fuq id-dar 190, Susan House, Dottor Nikola Zammit Street, Siggiewi fejn jissemma li l-*party wall* fid-*dining room* li tmiss mas-*supermarket* hija “*very damp and humid with the paint peeling off*”. Irrizulta li kien hemm *freezers* man-naha l-ohra u li ghalkemm kien gie inserit bejn il-*freezers* u l-hajt divizorju *insulation layer* tal-*jablo* bil-*corrugated plastic sheeting* dan ma kienx sufficjenti ghal insulazzjoni adegwata kontra l-umdita`. Irrefera ghall-fatt li d-*development permit* kien jistipula li ghandu jkun hemm izolazzjoni billi jigi mibni *independent perimiter wall* “*that would at no point abut against or be tied into the adjacent party walls*”. Ghalhekk ikkonkluda li biex ma jkunx hemm hsara ulterjuri l-affarijiet kellhom isiru skond id-*development permit*.

Il-Perit Musumeci, imqabbad *ex-parte*, semma li fejn il-hajt divizorju innota tracci ta’ moffa fil-hitan tal-kcina ta’ l-attur. Il-Perit semma li l-moffa in kwistjoni originat qabel il-konvenuti wettqu l-interventi, u *cioe`* qabel poggew l-*insulation boards* (jew *panels*) wara l-*fridges* fil-fond taghhom. Zied li kien opportun li l-attur jirripristina l-hitan tal-kcina proprju f’dan l-istadju u jhalli ftit taz-zmien jiddekorri bil-ghan li jkun stabbilit jekk il-hsara (l-umdita`) tergax tfegg. B’hekk wiehed ikun jista’ jistabbilixxi jekk l-intervent *de quo* huwiex effettiv.

Semma li s-suggeriment tal-Perit Buhagiar imqabbad mir-rikorrent toffri alternattiva adegwata. Il-Perit Buhagiar qed jissugerixxi “*erection of skin wall with a damp proofing membrane between the skin wall and the party wall […] where the freezers are located”*. Sostna li jigi ripristinat il-hajt ta’ Camilleri, tigi evalwata s-sitwazzjoni u jekk l-interventi jfallu wiehed jista’ jikkunsidra li jimplimenta s-soluzzjoni redatta mill-perit tekniku mqabbad mir-rikorrenti.

Zied li l-intimat appoggja *insulation panels* mal-hajt ta’ l-appogg li jikkonfina l-fond ta’ l-attur, senjatament f’dik il-parti retroposta ghall-*fridges*, li tinkludi dik l-*istretch* tal-hajt ta’ l-appogg fejn l-attur ilmenta dwar il-presenza ta’ l-umdita`. Ikkonferma li l-*fridge* li hemm man-naha tal-hajt

tal-attur mhix qed tmiss ma’ dan il-hajt izda hemm vojt kif ukoll 3 saffi ta’ “*insulating material*”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent permezz tal-konsulent legali tieghu qatt ma pprezenta nota ta’ osservazzjonijiet ghalkemm mistieden ripetutament mill-Qorti. Ir-rikorrent u l-konsulent legali tieghu ma dehrux ghat-trattazzjoni finali.

Albert Borg personalment issolleva li ma saritx il-prova li hu personalment jew xi hadd li jirrapprezenta s-socjeta` konvenuta, ghamel dak allegat fic-citazzjoni. Issolleva wkoll li t-talbiet atturi huma infondati.

Gie sostnut mill-konvenuti li *qui allegat probat* u kif jghid l-artikolu 562 tal-Kap 12 jemani l-fatt li bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Irrefera ghas-sentenzi:
**Paul Agius *et* vs Michael Scicluna** (30/10/2001 Qorti ta’ l-Appell *Sede* Superjuri):
“f'kull kawza, huwa l-attur li jrid iressaq il-provi biex jipprova l-kaz tieghu. F'kull kawza, il-konvenut m’ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm ma jkunx hemm prova *prima facie* li tirrikjedi li huwa jgib il-provi biex jirribattiha. Dan billi l-Artikolu 562 jipprovdi illi "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah".

**Aquilina Carmel *pro et nomine* vs Borg Michael** (3/05/2011 Prim’Awla tal-Qorti Civili):
“Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewg verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta’ min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi cirkostanza oħra dominanti li tikkonvinci l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tingabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attrici tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieg u kif mistenni li jsir”.

Illi l-Qorti pero` ghalkemm tiehu l-okkazjoni biex tfahhar is-sens kbir ta’ ko-operazzjoni li kien hemm min-naha ta’ l-intimati biex jigu solvuti l-problemi kemm ta’ hsjjes kif ukoll ta’ moffa, issib li fil-verita` dawn originaw htija taghhom.

Dwar l-istorbju l-Profs. Agius kien car hafna. Fil-bidu qabel ma hadu l-mizuri korrettivi l-intimati, l-istorbju li kien jemani mill-fond ta’ l-intimati kien jissupera dak accettabbli. Il-konvenuti ghamlu sewwa li kkoperaw biex dan il-hoss jitnaqqas u b’hekk gie evitat li fis-sentenza tal-Qorti din tordna li jsiru xogholijiet, ghax fil-fatt ix-xogholijiet necessarji saru fil-kors tal-kawza. Il-fatt li llum il-gurnata l-istorbju naqas u qieghed f’livelli accettabbli ma jfissirx li ma kienx hemm zmien meta l-intimati ma kienux ikkawzaw storbju eccessiv li huma responsabbli ghalih, u ghalkemm ikkoperaw fil-kors tal-kawza, li kieku x-xogholijiet saru qabel ma kienx ikun hemm in-necessita` ta’ l-istess kawza.

L-istess ragunar japplika ghall-umdita` eccessiva li spiccat fil-fond tar-rikorrenti. Kien kawza tal-makkinarju ta’ l-intimati li harget moffa eccessiva u minhabba li l-izolazzjoni ma kenitx kif suppost. Fil-fatt irrizulta car li din il-moffa kienet kawza ta’ makkinarju ta’ l-intimati u nuqqas ta’ mizuri effettivi da parti ta’ l-intimati. Minn ezami tad-dokumenti u depozizzjonijiet kollha ma jirrizultax b’mod car li nstabet soluzzjoni totali ghal dik il-problema minhabba li fl-ahhar bicca tal-kawza ma deherx aktar ir-rikorrent u anqas il-konsulent legali tieghu. Izda hawnhekk japplika dak li gie sostnut mill-konsulent legali ta’ l-intimati li min jallega jrid jipprova u ghalkemm il-Qorti ghandha provi sufficjenti li l-kawza originarja kienet responsabbilta` ta’ l-intimati, m’ghandhiex f’dan l-istadju li l-problema ma gietx solvuta. Ghalhekk qed tassumi f’dan l-istadju li din il-problema wkoll illum giet solvuta.

Dan iwassal li l-mertu tal-kaz illum ezawrit u li fil-fatt l-obbligu tal-Qorti li tghaddi ghall-promulgazzjoni ta’ din is-sentenza huwa specjalment dovut ghall-fatt ta’ l-ispejjez tal-kawza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Riferibbilment ghall-ewwel talba ta' dikjarazzjoni li r-rikorrenti soggetti ghall-inkonvenjenzi fuq deskritti li dawn jikkostitiwixxu molestja u turbattiva tal-mistrieh, tal-kwiet u tas-sahha taghhom, il-Qorti taqbel u tiddeciedi u tiddikjara li meta giet intavolata l-kawza dan l-istat ta' fatt kien hekk. Illum il-gurnata dan gie korrett mill-intimat u mis-socjeta` kjamata fil-kawza.

Sekondarjament ir-rikorrenti talbu l-kundanna ta' l-intimat u tas-socjeta` kjamata fil-kawza biex jaghmlu x-xogholijiet kif ukoll jipprovdu a spejjez taghhom ghal dawk ir-rimedji kollha opportuni sabiex jeliminaw dawn l-inkonvenjenzi u molestji. Fil-fatt dawn saru u ghalhekk mhux lok li l-Qorti tordna li jsiru xi xogholijiet.

Anqas hi applikabbli t-tielet talba *stante* li x-xogholijiet saru.

Jidher li r-responsabbilta` kienet ta' l-intimat u tas-socjeta` kjamata fil-kawza fis-sens li ma saret ebda prova differenti.

Dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn huma ghall-intimat u s-socjeta` kjamata fil-kawza solidalment responsabbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------